Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

Maġistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Omar Zammit)

vs

Harith Faris Mahmud

Kumpilazzjoni Numru: 2/2025

Illum, 3 ta' Jannar, 2025

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Harith Faris Mahmud detentur tal-karta tal-identità bin-numru 174732A akkuzat talli nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Diċembru 2024 u fil-ġranet, ġimghat u xhur ta' qabel b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li

jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li kienu magħmulin b'rizoluzzjoni waħda, f'diversi nħawi f'diversi nħawi fil-Gżejjer Maltin:

1. Bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil **Rebecca Ebejer** biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjetà tagħha jew kontra l-persuna jew propjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) meta huwa kien jaf jew missu kien jaf li l-imġieba tiegħu ser tikkaġuna din il-biża, liema delitt sar fuq persuna li tkun jew kienet f'relazzjoni miegħu u dan bi ksur ta' artikoli 251B (1); 251B (2); 251H; 251HA u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta.

2. Ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil **Rebecca Ebejer (sieħba preżenti jew ta' qabel)** jew li kien jaf jew missu kien jaf li dan ikun ta' fastidju għal **Rebecca Ebejer (sieħba preżenti jew ta' qabel)** u dan bi ksur ta' artiklu 251A(1)(a); 251A(1)(b); 251(2); 251(4); 222(1); 202(h) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta.

3. Għamel inġurji u/jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lil **Rebecca Ebejer** u dan bi ksur ta' artikolu 339(1)(e) tal-kodiċi Kriminali.

**Akkużat ukoll talli nhar 20 ta' Diċembru 2024 għall-ħabta ta' bejn 20:30hrs u 23:59hrs f'diversi nħawi fil-Gżejjer Maltin;**

4. Bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżercita jedd li jippretendi li għandu, giegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, jew fixkel lil **Rebecca Ebejer** fil-pussess ta' ħwejjiġha, jew b'xi mod ieħor kontra l-liġi, indaħal fi ħwejjeġ **Rebecca Ebejer u ċioè ħadilha l-Mobile Phone ta' għamla Galaxy A55** u dan bi ksur ta' artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li toħrog ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Harith Faris Mahmud** għall-benefiċċju ta' **Rebecca Ebejer,** dan ai termini ta' artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna ordni ta' trattament u dan ai termini ta' artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta ta' **Rebecca Ebejer** dan u f'każ ta' ħtija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinflinġi l-pieni stabbiliti mill-liġi, tordna lill-imsemmija persuna thallas id-danni stabbiliti skond l-artiklu 532A tal-Kodiċi Kriminali.

Rat id-dokumenti;

Rat l-Artikoli indikati 222(1), 251B(1), 251B(2), 251H, 251HA, 202(h), 251A(1)(a); 251A(1)(b); 251(2); 251(4); 222(1); 339(1)(e), 85(1), 412C, 412D, 382A, 383, 384 385 u 532A tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

Semgħet lill-imputat jirreġistra ammissjoni tal-akkużi kif dedotti kontrih u wkoll reġa' kkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li ngħata żmien raġonevoli sabiex jaħsibha;

Fiċ-ċitazzjoni stante li l-akkużat ammetta l-akkużi kif dedotti fl-akkużi u stante li kkopera bis-sħiħ mal-prosekuzzjoni u stante li l-fedina penali hija waħda kważi netta, issib lill-imputat Harith Faris Mahmud hati tal-akkużi kollha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundannah għal piena ta' ħmistax (15)-il xahar priġunerija li qed jiġu sospiżi għal sentejn (2), flimkien ma' Ordni ta' Trażżin għal tliet (3) fil-konfront ta' Rebecca Ebejer u liema ordni għandha tifforma parti integrali ma' din is-sentenza.

Finalment spjegat fi kliem sempliċi lill-imputat Harith Faris Mahmud ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tiġix obduta.

\-----------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Maġistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Reġistratur**